# Il-Każin tal-Banda Mnarja u l-attivitajiet marbutin miegħu matul is-snin

Joseph Zerafa

Kien it-8 ta' Lulju 1967 meta saret laqgħa storika li għaliha attendew 84 persuna biex inħatar l-ewwel kumitat li kellu l-għan li jwaqqaf banda ġor-raħal li ‹l quddiem ħadet l-isem ta' Mnarja. Mill-ewwel ingħata spunt biex jinstab lokal addattat u



fortunatament instab il-lokal li qegħdin ngawdu llum li sewa ħamest elef, mija u ħamsa u ħamsin lira Maltija.

Bejn ix-xiri tal-lokal u l-ewwel strumenti, il-kumitat ħtieġlu jissellef tmint elef lira Maltija mill-Kurja tal-Isqof ta' Għawdex. Il-membri tal-ewwel kumitat intrabtu li jagħmlu tajjeb personalment għal dan id-dejn.

Maż-żmien żdiedu ukoll spejjeż kbar fil-bini u attrezzar tal-lokal.

Naturalment dan il-piż ried jitħallas u barra l-qlub ġenerużi tan-Nadurin il-membri tal-kumitati sena wara sena għamlu l-almu tagħhom biex jorganizzaw attivitajiet kemm purament kulturali kif ukoll bl-iskop ta' ġbir ta' fondi għal dan il-għan.

L-ewwel sforz li rnexxa tassew kien il-bejgħ ta ċedoli mingħajr imgħax ta' ħames, għaxar, għoxrin, ħamsin u mitt lira. Maż-żmien il-biċċa l-kbira ta' dan is-self kien maħfur b'risq il-każin tal-banda.

Kien għadu mank inħatt sewwa l-lokal li l-kumitat ma bediex jorganizza tombli fl-apert. Dawn kienu ta' introjtu tajjeb għall-kumitat. Meta tlestiet is-sala ta' isfel bdew jiġu organizzati attivitajiet fiha u anke bdiet tinkera għat-tiġijiet għas-somma ta' erba' lira u aktar 'il quddiem għas-somma ta' sitt liri. Mis-sena 1970 ‹il quddiem beda jiġi organizzat in-Nadur Song Festival kull sena li kien ferm popolari flimkien ma' serati ta' żfin.

L-attivitajiet fuq il-palk ma naqsux u fosthom insibu d-dramm 'Is-Sigriet tal-Qrar' li nħadem b'atturi Nadurin. Fost il-magicians li ġew mistiedna f'dawn l-attivitajiet insibu lil Charles Tahir, Vanni Pulè u Von Fred.

Il-Banda Mnarja ħadet sehem ukoll fl-attivitajiet tal-Karninal minn sena għal sena, kemm f'dawk organizzati fin-Nadur kif ukoll fuq bażi nazzjonali permezz ta' servizzi tal-banda, maskri grotteski kif ukoll karrijiet trijonfali.

Għal xi żmien kienet tiġi organizzata l-ġimgħa tal-banda li matulha kienu jiġu organizzati attivitajiet varji kemm fil-każin kif ukoll barra. Fuq l-inizjattiva ta' Joe Said li għal xi snin kien membru attiv tal-kumitat ġew organizzati diversi ġiti lejn Sqallija li kienu ferm popolari. Joe Said kien ukoll strumentali biex bdiet tiġi organizzata l-ikla tradizzjonali ta' wara l-festa tal-Imnarja. Minn mindu nħatar President tal-Banda James Buttigieg ħdax-il sena ilu, l-istess James ta' spinta lil dawn il-ġiti u kull sena qeghdin jiġu organizzati ġiti lejn Sqallija kemm ta' ġurnata bil-katamaran kif ukoll ta'erbat ijiem.



RICETTI

TA' TISJIR U HELU

LI NHADMU MIS-SUR WENZU BORG

CHEF TAL-HOTEL CALPSO

MATUL IL-KORS TA' TISJIR FIL-KAZIN TAL-BANDA MNARJA

ORGANIZZAT MILL-ENTERTAINMENT COMMITTEE

FRAR - APRIL 1978




Dawn qeghdin ikunu ferm popolari u jgħinu ferm fil-finanzi tal-kumitat



Għal xi snin kienet tiġi mtellgħa wkoll il-Mejda tal-Appostli fi żmien il-Għid fuq disinn ta' Charles Xuereb li kien ukoll membru tal-kumitat u għal xi snin ukoll President tal-Banda Mnarja.

Meta l-films fit-teatri kienu għadhom popolari, fl-1976 il-kumitat kien iddeċieda li jixtri projectors għall-wiri tal-films li kienu jintwerew fit-teatru li dak i-żmien kien imsejjaħ Odeon. Maż-żmien dawn ma baqgħux tant imfittxija u dan il-proġett kellu jitwaqqaf.

Dawn l-attivitajiet kollha setgħu jirnexxu grazzi għall-għaqdiet fi ħdan il-każin bħalma huma l-kumitat Kulturali Nisa Għaqda Żgħażagħ Mnarja, gruppi folkloristiċi, gruppi ta' żeffiena u l-entertainment committee.

Fost il-personalitajiet distinti li laqa' l-kumitat matul dawn is-snin insibu l-Presidenti tar-Repubblika, Agatha Barbara, Ċensu Tabone, Guido DeMarco, Eddie Fenech Adami, M. Louise Coleiro Preca kif ukoll l-Aġent President Pawlu Xuereb.

Xtaqt fl-aħħar nett nikkummenta dwar l-aktar attivitajiet li l-aktar laqtuni matul is-snin. Meta tlestiet is-sala t'isfel tal-każin u bdejna norganizzaw l-attivitajiet ġieli kellna nġibu l-għajnana tal-pulizija mal-bieb biex inżommu l-ordni għaliex xi persuni li ma jkunux laħqu biljett kienu jkunu jridu jidħlu bilfors.

Fl-1978 l-entertainment committee organizza kors ta' tisjir u ħelu fis-sala t'isfel tal-kazin. Saru ħmistax-il lezzjoni mix-chef tal-Lukanda Calypso s-Sur Wenzu Borg megħjun minn Anastasia Zerafa. Għal dan il-kors attendew xejn anqas minn 160 mara tad-dar. Biex seta' jsir dan kellna narmaw is-sala bil-fallakki grazzi għall-għajnuna ta' Mikieli Vella li kien membru tal-kumitat. Ġew stampati r-riċetti kollha u kopja tagħhom tqassmet lill-parteċipanti kollha fl-aħħar tal-kors.

F'Lulju tal-1968 ġiet organizzata ikla tradizzjonali tal-Imnarja wara l-festa fil-Ulysses Lodge li għaliha attendew rekord ta' 350 persuna. Din l-ikla baqgħet tiġi organizzata għal xi snin u wara bdiet tiġi organizzata mill-parroċċa ġewwa l-pjazzetta fejn għadha ssir sal-lum.

Okkażjonijiet komiċi matul l-attivitajiet fuq il-palk ma naqsux. Darba Joe Said u Joe Spiteri fettlilhom itellgħu lil Toni imlaqqam Ċikċik liebes ta' maskerat fuq il-palk waqt serata u ftiehmu miegħu kif għandu jirrispondi ċerti domandi. Joe Said staqsieh x'hemm famuż ix-Xagħra u dan qallu, "L-Għar ta' Ninu". Kompla jistaqsih fin-Nadur x'hemm famuż u dan qallu, "L-Għar ta' Nina" għax il-mara tiegħu kien jisimha Nina. Wieħed jista' jimmaġina kif inqasam kulħadd bid-daħk. Fl-aħħar nett Joe staqsieh liema huma d-dnubiet il-mejta u dan qallu, "Toni tal-Liemu, Frenċu tan-Nannu u Martinu ta' Caruana" li llum m'għadhomx magħna imma li kienu persuni ferm magħrufa ġon-Nadur. Toni tal-Liemu ma ħadhiex b'ċajta u għamel ġimgħa b'sikkina f'idu biex jekk jirnexxilu jiltaqa' ma' Joe Said jheddu biha. Naturalment Joe Said sar jaf u kien jiskartah sakemm l-ieħor għaddielu.

Illum il-kazin tal-banda jinsab fis-sod grazzi għall-fundaturi Joseph Curmi u Emanuel Vella u bl-impenn sħiħ tal-kumitati u sottokumitati matul is-snin. L-attivitajiet li jsiru huma ferm aktar sofistikati kif jixirqu lil-lokal li huwa ferm attrezzat b'sala tal-kunċerti dinjituża u mżejna bl-amenitajiet kollha kif jixirqu għaqda li qed tagħmel ġieħ lin-Nadur u lil gżiritna.